

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/621**tas-7 ta' April 2022****li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 fir-rigward tal-istandards armonizzati għal truck mixers, krejnijiet u makkinarju ieħor abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tagħha,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/42/KE, il-makkinarju manifatturat f'konformità ma' standard armonizzat, li r-referenzi għalih ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, irid ikun preżunt li jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza koperti b'tali standard armonizzat.
- (2) Permezz tal-ittra M/396 tad-19 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) ("it-talba") għall-abbozzar, għar-reviżjoni u għat-tlestija tal-ħidma fuq l-istandards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE biex jitqiesu l-bidliet introdotti b'dik id-Direttiva meta mqabbel mad-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.
- (3) Abbażi tat-talba, is-CEN abbozza l-istandards armonizzati ġodda EN 13852-3:2021 dwar krejnijiet hġief li joperaw lil hinn mill-kosta, EN 12385-5:2021 dwar hġbula mibrumin għal-liftijiet, u EN 12609:2021 dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza għat-truck mixers.
- (4) Abbażi tat-talba, is-CEN u s-Cenelec irrevdew ukoll l-istandards armonizzati eżistenti, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2018/C092/01 ⁽⁴⁾ sabiex jiġu adattati għall-progress teknoloġiku. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati l-ġodda li ġejjin: EN 12312-5:2021 dwar it-tagħmir għall-ġhoti tal-fjuwil lill-inġenji tal-ajru; EN 13001-2:2021 dwar is-sikurezza tal-krejnijiet; EN 1501-1:2021 dwar il-vetturi għall-ġbir tal-iskart li jitgħabbew minn wara; EN 1501-2:2021 dwar il-vetturi għall-ġbir tal-iskart li jitgħabbew mill-ġenb; EN 1501-3:2021 dwar il-vetturi għall-ġbir tal-iskart li jitgħabbew minn quddiem; EN 1501-5:2021 dwar apparati ta' rfiġ għal vetturi

⁽¹⁾ ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.⁽²⁾ ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.⁽³⁾ Id-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-makkinarju (ĠU L 207, 23.7.1998, p. 1).⁽⁴⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni) (ĠU C 92, 9.3.2018, p. 1).

għall-ġbir tal-iskart; EN 1829-1:2021 dwar magni li jiftgħu ġettijiet tal-ilma bi pressjoni għolja; EN ISO 22868:2021 dwar il-metodu ta' inġinerija għall-ittestjar tal-ħoss ta' makkinarju portabbli li jinżamm fl-idejn b'magna tal-kombustjoni interna; EN 303-5:2021 dwar bojlers tat-tisħin għall-fjuwils solidi; EN ISO 11202:2010/A1:2021 dwar id-determinazzjoni ta' livelli ta' pressjoni ta' emissjoni ta' ħsejjes f'post fuq il-lant tax-xogħol u f'pożizzjonijiet oħra speċifikati; EN ISO 19085-1:2021 dwar rekwiżiti komuni għall-magni li jaħdmu l-injam; EN 1756-1:2021 dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza għal tail lifts; u EN IEC 62061:2021 dwar is-sikurezza funzjonali għas-sistemi ta' kontroll relatati mas-sikurezza.

- (5) Barra minn hekk, is-CEN u s-Cenelec emendaw l-istandards armonizzati EN 13001-3-6:2018, EN 50636-2-107:2015/A1:2018 u EN 60335-1:2012/A13: 2017, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/436 ⁽⁵⁾.
- (6) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN u s-Cenelec, ivvalutat jekk l-istandards abbozzati, riveduti u emendati mis-CEN u mis-Cenelec jikkonformawx mat-talba.
- (7) L-istandards armonizzati abbozzati, riveduti u emendati mis-CEN u mis-Cenelec abbażi tat-talba jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza li huma għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2006/42/KE. Għalhekk, jixraq li r-referenzi ta' daww l-istandards jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, flimkien mar-referenzi ta' kwalunkwe standard emendatorju jew ta' korrezzjoni rilevanti għalihom.
- (8) Ir-referenza tal-istandard EN 474-1:2006+A6:2019 ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'restrizzjoni, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1813 ⁽⁶⁾. Hija ssostitwiet ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A5:2018 mingħajr ma pprevediet perġodu ta' tranżizzjoni. Sabiex il-manifatturi jingħataw żmien biex iħejju għall-applikazzjoni tal-istandard il-ġdid, jixraq li r-referenza għall-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A5:2018 tiġi ppubblikata mill-ġdid b'mod eċċezzjonali f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għal perġodu ta' żmien limitat. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, il-pubblikazzjoni tar-referenza għall-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A5:2018 jenħtieġ li tkopri wkoll il-perġodu ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.
- (9) It-test tar-restrizzjoni għall-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A6:2019 introdott bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1813 mhuwiex ċar, peress li jħawwad żewġ nuqqasijiet separati identifikati fir-rigward tal-istandard armonizzat.
- (10) L-ewwel nuqqas jikkonċerna l-livell inadegwat ta' viżibbiltà identifikat fir-rigward ta' EN 474-1:2006+A6:2019 meta applikat flimkien mar-rekwiżiti ta' EN 474-5:2006+A3:2013 għall-gafef idrawliċi. L-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A6:2019, b'mod simili għall-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A5:2018, ma jiżgurax li s-sewwieq jista' jħaddem il-makkinarju u l-għodod tiegħu fil-kundizzjonijiet tal-użu prevedibbli tagħhom, f'sikurezza sħiħa għas-sewwieq u għall-persuni esposti. Għalhekk, ir-restrizzjoni prevista fl-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A5:2018 fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza 1.2.2 u 3.2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE jenħtieġ li tinżamm għall-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A6:2019.
- (11) It-tieni nuqqas jikkonċerna l-fatt li l-mekkaniżmu tal-akkoppjamenti rapidi użat għat-twaħħil tal-gafef idrawliċi u l-backhoe loaders ma' gafef ma jinkludix sistema ta' twissija attiva jew sistema ta' monitoraġġ attiva għall-operatur meta jqabbad b'mod inkorrett il-makkinarju mal-estensjoni. Bħala tali, l-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A6:2019 jonqos milli jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza għall-integrazzjoni tas-sikurezza u għall-prevenzjoni ta' riskji minħabba oġġetti li jaqgħu stabbiliti fil-punti 1.1.2 (b), 1.1.2 (c) u 1.3.3 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE. Daww il-punti jenħtieġ li jissemmew fir-restrizzjoni għall-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A6:2019.
- (12) Għal raġunijiet ta' ċertezza u ċertezza legali, in-nuqqasijiet identifikati jenħtieġ li jiġu espressi permezz ta' żewġ restrizzjonijiet separati għall-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A6:2019.

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/436 tat-18 ta' Marzu 2019 dwar l-istandards armonizzati għall-makkinarju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 75, 19.3.2019, p. 108).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1813 tal-14 ta' Ottubru 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 fir-rigward tal-istandards armonizzati għat-tagħmir ibbażat fuq l-art li jappoġġa lill-inġenji tal-ajru, il-krejnijiet, l-għodod għat-tħaffir taħt l-art u makkinarju ieħor abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/27 (ĠU L 366, 15.10.2021, p. 109).

- (13) Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 60335-1:2012 ġiet ippubblikata għall-ewwel darba permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2012/C 159/1 ⁽⁷⁾. Ir-referenza ta' dak l-istandard kienet tinkludi referenza għar-rettifika EN 60335-1:2012/AC:2014 mill-pubblikazzjoni ta' dak l-istandard permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2016/C 14/1 ⁽⁸⁾. Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 60335-1:2012 ġiet ippubblikata fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 biss b'referenza għall-emendi EN 60335-1:2012/A11:2014 u EN 60335-1:2012/A13:2017. Bi żball, ir-referenza għar-rettifika EN 60335-1:2012/AC:2014 tħalliet barra mill-pubblikazzjoni tar-referenza tal-istandard armonizzat EN 60335-1:2012 fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436. Għalhekk, jixraq li r-referenza tal-istandard armonizzat EN 60335-1:2012 tiġi sostitwita flimkien mar-referenzi tal-emendi EN 60335-1:2012/A11:2014 u EN 60335-1:2012/A13:2017 u li tiġi inklużi r-referenza tar-rettifika EN 60335-1:2012/AC:2014. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 60335-1:2012 kif emendat b'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika b'mod retroattiv.
- (14) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 jipprovdi r-referenzi tal-istandards armonizzati li jikkonferixxu preżunzjoni tal-konformità mad-Direttiva 2006/42/KE u l-Anness II jipprovdi r-referenzi tal-istandards armonizzati li jikkonferixxu preżunzjoni tal-konformità b'restrizzjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE jkunu elenkati f'att wieħed, jenħtieġ li r-referenzi tal-istandards li jiġu sostitwiti, riveduti jew emendati mis-CEN u s-Cenelec jiġu inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436.
- (15) L-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE li jitnehew mis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mid-dati stabbiliti f'dak l-Anness.
- (16) Bħala riżultat tal-ħidma tas-CEN u tas-Cenelec abbażi tat-talba, l-istandards armonizzati li ġejjin, ippublikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ġew sostitwiti, riveduti jew emendati: EN 12312-5:2005+A1:2009; EN 13001-2:2014; EN 1501-1:2011+A1:2015; EN 1501-2:2005+A1:2009; EN 1501-3:2008; EN 1501-5:2011; EN 1829-1:2010; EN ISO 22868:2011; EN 303-5:2012; EN ISO 11202:2010; EN ISO 19085-1:2017; EN 1756-1:2001+A1:2008; u EN 62061:2005/A2:2015. Għalhekk jeħtieġ li r-referenzi ta' daww l-istandards jiġu rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* billi daww ir-referenzi jiġu inklużi fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436.
- (17) Jeħtieġ ukoll li jiġu rtirati r-referenzi tal-istandards armonizzati EN 13001-3-6:2018, EN 50636-2-107:2015/A2:2020; u EN 60335-1:2012/A13:2017 ippublikati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436, peress li daww l-istandards ġew emendati. Għalhekk, jixraq li daww ir-referenzi jitħassru mill-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.
- (18) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jippreparaw għall-applikazzjoni tal-istandards ġodda, riveduti jew emendati, huwa meħtieġ li jiġi differit l-irtirar tar-referenzi tal-istandards armonizzati li ġejjin: EN 12312-5:2005+A1:2009; EN 13001-2:2014; EN 1501-1:2011+A1:2015; EN 1501-2:2005+A1:2009; EN 1501-3:2008; EN 1501-5:2011; EN 1829-1:2010; EN ISO 22868:2011; EN 303-5:2012; EN ISO 11202:2010; EN ISO 19085-1:2017; EN 1756-1:2001+A1:2008; EN 62061:2005/A2:2015; EN 13001-3-6:2018, EN 50636-2-107:2015/A2:2020; u EN 60335-1:2012/A13:2017.
- (19) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 tiġi emendata kif xieraq.
- (20) Il-konformità ma' standard armonizzat tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha,

⁽⁷⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont id-Direttiva) (ĠU C 159, 5.6.2012, p. 1).

⁽⁸⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni) (ĠU C 14, 15.1.2016, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A5:2018 għall-Gafef abbozzat b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE, elenkat fl-Anness IIA ta' din id-Deċiżjoni, hija b'dan ippubblikata b'restrizzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dik ir-referenza għandha titqies li ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu stabbilit f'dak l-Anness.”;

(2) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(3) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;

(4) jiddaħħal l-Anness IIA, kif stabbilit fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni;

(5) l-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-punti (1), (4) u (6) tal-Anness I għandhom japplikaw mill-11 ta' Ottubru 2023.

Il-punt (3) tal-Anness I għandu japplika mid-19 ta' Marzu 2019.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(1) titħassar ir-ringiela 12;

(2) tiddaħħal ir-ringiela 12a li ġejja:

"12a.	EN 13001-3-6:2018+A1:2021 Krejnijiet - Disinn Ġenerali - Parti 3-6: Stati ta' limitu u prova ta' kompetenza ta' makkinarju - Ċilindri idrawliċi	C";
-------	--	-----

(3) ir-ringiela 33 hija sostitwita b'dan li ġej:

"33.	EN 60335-1:2012 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali IEC 60335-1:2010 (Modifikat) EN 60335-1:2012/AC:2014 EN 60335-1:2012/A11:2014 EN 60335-1:2012/A13:2017	C";
------	--	-----

(4) titħassar ir-ringiela 33;

(5) tiddaħħal ir-ringiela 33a li ġejja:

"33a.	EN 60335-1:2012 Apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Sikurezza - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali IEC 60335-1:2010 (Modifikat) EN 60335-1:2012/AC:2014 EN 60335-1:2012/A11:2014 EN 60335-1:2012/A13:2017 EN 60335-1:2012/A15:2021	C";
-------	--	-----

(6) titħassar ir-ringiela 90;

(7) tiddaħħal ir-ringiela 90a li ġejja:

"90a.	EN 50636-2-107:2015 Sikurezza ta' apparati elettrodomestiċi u apparati simili - Parti 2-107: Rekwiżiti partikolari għal lawnmowers robotiċi elettriċi li jaħdmu bil-batteriji IEC 60335-2-107:2012 (Modifikat) EN 50636-2-107:2015/A1:2018 EN 50636-2-107:2015/A2:2020 EN 50636-2-107:2015/A3:2021	C";
-------	--	-----

(8) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

"119.	EN ISO 11202:2010 Akustika - Ħoss magħmul minn makkinarju u tagħmir - Kejl ta' livelli ta' pressjoni ta' emissjoni ta' ħsejjes f'post fuq il-lant tax-xogħol u f'pożizzjonijiet oħra speċifikati bl-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet ambjentali approssimattivi (ISO 11202:2010) EN ISO 11202:2010/A1:2021	B
120.	EN 303-5:2021 Bojlers tat-tisħin - Parti 5: Bojlers tat-tisħin għall-fjuwils solidi, li jimtlew b'mod manwali u b'mod awtomatiku, b'potenza termika nominali sa 500 kW - Terminoloġija, rekwiżiti, ittestjar u mmarkar	C

121.	EN 1501-1:2021 Vetturi għall-ġbir tal-iskart - Rekwiżiti ġenerali u rekwiżiti tas-sikurezza - Parti 1: Vetturi għall-ġbir tal-iskart li jitgħabbew minn wara	C
122.	EN 1501-2:2021 Vetturi għall-ġbir tal-iskart - Rekwiżiti ġenerali u rekwiżiti tas-sikurezza - Parti 2: Vetturi għall-ġbir tal-iskart li jitgħabbew mill-ġenb	C
123.	EN 1501-3:2021 Vetturi għall-ġbir tal-iskart - Rekwiżiti ġenerali u rekwiżiti tas-sikurezza - Parti 3: Vetturi għall-ġbir tal-iskart li jitgħabbew minn quddiem	C
124.	EN 1501-5:2021 Vetturi għall-ġbir tal-iskart - Rekwiżiti ġenerali u rekwiżiti tas-sikurezza - Parti 5: Apparati ta' rfiġ għal vetturi għall-ġbir tal-iskart	C
125.	EN 1756-1:2021 Tail lifts - Lifts pjattaforma għal immuntar fuq vetturi bir-roti - Rekwiżiti tas-sikurezza - Parti 1: Tail lifts għall-merkanzija	C
126.	EN 1829-1:2021 Magni li jitfegħu ġettijiet tal-ilma bi pressjoni għolja - Rekwiżiti tas-sikurezza - Parti 1: Magni	C
127.	EN 12312-5:2021 Tagħmir ibbażat fuq l-art li jappoġġa lill-inġenji tal-ajru - Rekwiżiti speċifiċi - Parti 5: Tagħmir biex jingħata l-fjuwil lill-ajruplani	C
128.	EN 12385-5:2021 Ħbula tal-wajer tal-azzar - Sikurezza - Parti 5: Ħbula mibrumin għal-liftijiet	C
129.	EN 12609:2021 Truck mixers - Rekwiżiti tas-sikurezza	C
130.	EN 13001-2:2021 Sikurezza tal-krejnjiet - Disinn ġenerali - Parti 2: Effetti tat-tagħbija	C
131.	EN 13852-3:2021 Krejnjiet - Krejnjiet li joperaw lil hinn mill-kosta - Parti 3: Krejnjiet hfiel li joperaw lil hinn mill-kosta	C
132.	EN ISO 19085-1:2021 Magni li jaħdmu l-injam - Sikurezza - Parti 1: Rekwiżiti komuni (ISO 19085-1:2021)	C
133.	EN ISO 22868:2021 Makkinarju tal-forestrija u għall-ġonna - Kowd tat-test tal-ħsejjes għal makkinarju portabbli li jinżamm fl-idejn b'magna tal-kombustjoni interna - Metodu ta' inġinerija (eżattezza Grad 2) (ISO 22868:2021)	C
134.	EN IEC 62061:2021 Sikurezza tal-makkinarju - Sikurezza funzjonali tas-sistemi ta' kontroll relatati mas-sikurezza IEC 62061:2021	B".

ANNEX II

Fl-Anness II, ir-ringiela 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"1.	EN 474-1:2006+A6:2019 Gafef - Sikurezza - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali Avviż 1: Din il-pubblikazzjoni ma tikkonċernax il-klawżola 5.8.1 "Viżibbiltà - Kamp viżiv tal-operatur" ta' dan l-istandard, iżda biss fir-rigward tar-rekwiżiti tal-istandard EN 474-5:2006+A3:2013 għall-gafef idrawliċi, li l-applikazzjoni tiegħu ma tfissirx preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza 1.2.2 u 3.2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE. Avviż 2: Fir-rigward tal-Anness B.2 - Akkoppjamenti rapidi, l-istandard armonizzat EN 474-1:2006+A6:2019 ma jagħtix preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza 1.1.2 b), 1.1.2 c) u 1.3.3 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE meta jiġi applikat flimkien mar-rekwiżiti ta' EN 474-4:2006+A2:2012 għall-backhoe loaders u r-rekwiżiti ta' EN 474-5:2006+A3:2013 għall-gafef idrawliċi.	C".
-----	--	-----

ANNEX III

“ANNEX IIA

Nru	Referenza tal-istandard	Tip	Minn	Sa
1.	EN 474-1:2006+A5:2018 Gafef - Sikurezza - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali Avviż: Din il-pubblikazzjoni ma tikkonċernax il-klawżola 5.8.1 “Viżibbiltà - Kamp viżiv tal-operatur” ta’ dan l-istandard, iżda biss fir-rigward tar-rekwiżiti tal-istandard EN 474-5:2006+A3:2013 għall-gafef idrawliċi, li l-applikazzjoni tiegħu ma tfissirx preżunzjoni ta’ konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza 1.2.2 u 3.2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE.	C	fil- 15 ta’ Ottubru 2021.	Il-11 ta’ Ottubru 2022.”

ANNEX IV

fl-Anness III, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

“114.	EN 12312-5:2005+A1:2009 Tagħmir ibbażat fuq l-art li jappoġġa lill-inġenji tal-ajru - Rekwiżiti speċifiċi - Parti 5: Tagħmir għall-ġhoti tal-fjuwil lill-inġenji tal-ajru	Il-11 ta' Ottubru 2023	C
115.	EN 13001-2:2014 Sikurezza tal-krejnijiet - Disinn Ġenerali - Parti 2: Effetti tat-tagħbija	Il-11 ta' Ottubru 2023	C
116.	EN 1501-1:2011+A1:2015 Vetturi għall-ġbir tal-iskart - Rekwiżiti ġenerali u rekwiżiti tas-sikurezza - Parti 1: Vetturi għall-ġbir tal-iskart li jitgħabbew minn wara	Il-11 ta' Ottubru 2023	C
117.	EN 1501-2:2005+A1:2009 Vetturi għall-ġbir tal-iskart u apparati ta' rfiġ assoċjati magħhom - Rekwiżiti ġenerali u rekwiżiti tas-sikurezza - Parti 2: Vetturi għall-ġbir tal-iskart li jitgħabbew mill-ġenb	Il-11 ta' Ottubru 2023	C
118.	EN 1501-3:2008 Vetturi għall-ġbir tal-iskart u apparati ta' rfiġ assoċjati magħhom - Rekwiżiti ġenerali u rekwiżiti tas-sikurezza - Parti 3: Vetturi għall-ġbir tal-iskart li jitgħabbew minn quddiem	Il-11 ta' Ottubru 2023	C
119.	EN 1501-5:2011 Vetturi għall-ġbir tal-iskart - Rekwiżiti ġenerali u rekwiżiti tas-sikurezza - Parti 5: Apparati ta' rfiġ għal vetturi għall-ġbir tal-iskart	Il-11 ta' Ottubru 2023	C
120.	EN 1756-1:2001+A1:2008 Tail lifts - Lifts pjattaforma għal immuntar fuq vetturi bir-roti - Rekwiżiti tas-sikurezza - Parti 1: Tail lifts għall-merkanzija	Il-11 ta' Ottubru 2023	C
121.	EN 1829-1:2010 Magni li jitfegħu ġettijiet tal-ilma bi pressjoni għolja - Rekwiżiti tas-sikurezza - Parti 1: Magni	Il-11 ta' Ottubru 2023	C
122.	EN 303-5:2012 Bojlers tat-tisħin - Parti 5: Bojlers tat-tisħin għall-fjuwils solidi, li jimtlew b'mod manwali u b'mod awtomatiku, b'potenza termika nominali sa 500 kW - Terminoloġija, rekwiżiti, ittestjar u mmarkar	Il-11 ta' Ottubru 2023	C
123.	EN 62061:2005 Sikurezza tal-makkinarju - Sikurezza funzjonali ta' sistemi ta' kontrolli elettriċi, elettroniċi u elettroniċi programmabbli relatati mas-sikurezza IEC 62061:2005 EN 62061:2005/AC:2010 EN 62061:2005/A1:2013 EN 62061:2005/A2:2015	Il-11 ta' Ottubru 2023	B
124.	EN ISO 11202:2010 Akustika - Ħoss magħmul minn makkinarju u tagħmir - Kejl ta' livelli ta' pressjoni ta' emissjoni ta' ħsejjes f'post fuq il-lant tax-xogħol u f'pożizzjonijiet oħra speċifikati bl-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet ambjentali approssimattivi (ISO 11202:2010)	Il-11 ta' Ottubru 2023	B

125.	EN ISO 19085-1:2017 Magni li jaħdmu l-injam - Sikurezza - Parti 1: Rekwiżiti komuni (ISO 19085-1:2017)	Il-11 ta' Ottubru 2023	C
126.	EN ISO 22868:2011 Makkinarju għall-imsaġar u ġonna - Kowd tat-test tal-ħsejjes għal makkinarju portabbli li jinżamm fl-idejn b'magna tal-kombustjoni interna - Metodu ta' inġinerija (eżattezza Grad 2) (ISO 22868:2011)	Il-11 ta' Ottubru 2023	C".